# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Gunju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **470 / 2017**

**GO P.L.C.**
[REG NRU. C-22334]

***VERSUS***

**MOMCILO TANJEVIC**
[K.I. NRU. 0132288A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' Ottubru, 2017 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta' elf, tmien mija, wiehed u sebghin ewro u disa' ewro centezmi (€1,871.09c) rapprezentanti diversi provvisti ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni fuq zewg akkonti separati bin-numru AC40556751 u AC40550695, kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmi sorte dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-intavolar ta' dawn il-proceduri.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' April, 2018 (*a fol*. 23)[1] u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghall-udjenza mizmuma quddiem it-Tribunal wara tali notifika (*i.e.*, l-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018) u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Minhabba tali omissjoni (kemm formali u kif ukoll ta' attendenza fizika), il-konvenut gie dikjarat fi stat ta' kontumacja skond dak previst fil-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu gie debitament registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018 (ara *a fol*. 24).

Ir-rapprezentant tas-socjetà attrici, Maryanne Camilleri, fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018, ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont reklamat mis-socjetà attrici f'dawn il-proceduri ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut u li l-istess konvenut ma kien wettaq l-ebda pagament akkont fil-mori tal-proceduri odjerni. Fl-istess udjenza, l-istess rapprezentat ukoll ikkonfermat bil-gurament taghha d-dokumenti rilevanti mehmuza ma' l-att promotur (ara *a foll*. 2–6) illi jitkellmu dwar il-kontijiet mertu ta' dawn il-proceduri u li jirrispekkjaw ic-cifra ta' elf, tmien mija, wiehed u sebghin ewro u disa' ewro centezmi (€1,871.09c) mitluba f'din il-kawza.

Jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

---

[1] Il-verbal relattiv ghal tali udjenza jghid hekk: "*Mill-atti jirrizulta illi l-procedura ta' notifika tal-Konvenut giet ezawrita u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ta' kuljum ezebita a fol. 21, liema pubblikazzjoni ghandha d-data tas-17 ta' April, 2018*." Ghall-procedura ta' affissjoni ara *a tergo* ta' *fol*. 22, ghall-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ara *a fol*. 18 jew *a fol*. 20 u ghall-procedura tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ta' kuljum ara *a fol*. 21.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elf, tmien mija, wiehed u sebghin ewro u disa' ewro centezmi (€1,871.09c), bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% fuq dan l-ammont dekorribbli mid-9 ta' Ottubru, 2017 *s*ad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*